# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.

**Laqgħa ta' Reġjun Tramuntana numru 11 ta' 2024, miżmuma nhar il-25 ta' Lulju 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President | |
| • Christopher Deguara | Naxxar LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa LC (Online) | Membru |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan LC | Viċi President |
| • Norbert Dalli | San Ġwann LC | Membru |
| • Christopher Vella Petroni | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Dale Hayman | Mtarfa LC | Membru |

Aġent Segretarju Eżekuttiv – Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Joseph Gatt | Mosta LC | Membru |

**Aġenda**

1. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
2. Komunikazzjoni tal-President;
3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilleri;
4. Korrispondenza;
   4.1 Intervisti tas-Segretarju Eżekuttiv fir-Reġjun Tramuntana
5. Rapporti;
   5.1 Minuti ta’ AGM 2023
   5.2 Risposta għar-Rapport tal-Awditjar għas-Sena Finanzjarja 2023
   5.3 Aġġornament tar-rapport għat-tieni kwart tas-sena ( Q2 )
   5.4 Aġġornament ta’ Environment and EU Funds
   5.5 Aġġornament ta’ Waste Contract
6. Affarijiet oħra ta’ xogħol ieħor tal- Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa’;
   6.1 European Week of Regions and Cities Brussles 2024
   6.2 Purchase Orders
7. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;
8. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija. Il-President ta merħba lill-membri ġodda eletti għall-ewwel laqgħa tal-leġiżlatura l-ġdida.

**1. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;**

Il-President Clifford Galea nforma li s-Sindku Joseph Gatt talab li jiġi skużat.

**2. Komunikazzjoni tal-President;**

Il-President fakkar lill-membri li l-laqgħa tar-Reġjun qed tiġi rrekordjata, kif ukoll irringrazzja lil kull min attenda l-AGM u faħħar l-attendenza numeruża.

**2.1 - Whatsapp Chat – Segretarji Eżekuttivi**

Il-President informa li hemm chat maħluqa għal membri kollha tal-leġiżlatura l-ġdida. Madankollu, propona li tinħoloq chat separata għas-Segretarji Eżekuttivi biss, wara li jsir it-tibdil meħtieġ fil-pożizzjonijiet tas-Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli rispettivi.

**2.2 - Talba ta’ informazzjoni – Responsabiltajiet tal-kunsiliera.**

Il-President enfasizza li r-Reġjun qiegħed hemm biex jgħin lil kulħadd u li l-politika partiġġjana m’għandhiex tidħol la fix-xogħol li jsir u lanqas fir-relazzjonijiet bejn il-membri. Għalhekk, għandna niffokaw fuq il-punti importanti li hemm bżonn nieħdu ħsieb. Ix-xogħol tar-Reġjun jibqa' għaddej irrispettivament mill-elezzjonijiet tal-Kunsilli, iżda l-ebda azzjoni ma’ tittieħed

mir-Reġjun qabel ma jkunu infurmati l-Kunsilli. Wara dan, talab lill-membri sabiex jintbagħtu d-dekasteri tal-membri eletti. Ir-Reġjun ser jibgħat ukoll imejl biex jinforma dwar l-irwoli tal-istaff kollu tiegħu sabiex jgħin lill-Kunsilli jwasslu l-ilmenti jew is-suggerimenti bl-aħjar mod possibli.

**2.3 - Korsijiet għal l-istaff tar-reġjun**

Il-President informa lill-membri li meta ikun hemm staff tajjeb ikun hemm tmexxija tajba u biex dan isir qiegħed jiproponi proposta ta' training. Waħda mil-proposti hija li qedin nistennew l-informazzjoni dwar korsijiet ofruti mis-Sur John Mallia, direttur minn Media Coop Ltd. kif ukoll korsijiet oħra fuq suġġetti varji b'livell ta' edukazzjoni MQF Level 3,4,u 5. Dawn il-korsijiet ser ikunu ofruti lil l-istaff tar-Reġjun.

**2.4 - Laqgħa – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

Il-President informa lill-membri li fl-istess ħin ta' din il-laqgħa qed issir il-laqgħa tal-AKL, u għalhekk ma setax jattendi dik il-laqgħa. Madankollu, se jagħmel follow-up ta' dak li ntqal fil-laqgħa tal-AKL u jekk ikun hemm informazzjoni siewja li għandha tingħata lill-membri tar-Reġjun, se jikkomunika dan fil-laqgħa li jmiss.

**2.5 - Fond għal attivitajiet kulturali**

Il-President iddeskriva, li bħal kull entita oħra, r-Reġjun għandu l-ispejjes tiegħu u b'hekk il-fond ta' €20,000 li ingħata lill kull Kunsill Lokali għal attivitajiet kulturali, li jammonta għal €180,000.00, mhux ser jingħata mill-ġdid fis-snin li ġejjien. Ikkumenta ukoll fuq il-fatt, li minkejja kollox, dawn il-fondi setgħu ġew amministrati b'mod aktar effettiv.

**2.6 - Kuntratti ta' Avukat, Accountant, u Perit.**

Il-President informa li l-ftehim li għandu r-Reġjun ma' Dr, Daniel Attard li serva bħala avukat tar-Regjun ser jiġi fit-terminu tiegħu dalwaqt. Minħabba li Dr. Attard qiegħed jokkupa l-kariga ta' Membru Parlamentari Europew, huwa ġustifikat li jiġi ingaġġat avukat ġdid. Dr. Attard se jkun ikkuntattjat f'qasir żmien dwar din id-deċiżjoni.

Ir-reġjun qiegħed ukoll jiġbor l-informazzjoni neċċesarja rigward is-servizz ta' Perit għar-Reġjun u għal Kunsilli Lokali.

Is-Sindku Paul Vella ikkumenta dwar il-fatt li l-Kunsill xorta għandu ikollu l-Perit tiegħu, u f'kas li t-tali perit ma jkunx jista jkun ta' servizz għal Kunsill għandom l-oppurtunita li jitolbu s-servizz tal-Perit tar-Reġjun. Dan ikun b'talba waqt laqgħa, fejn ikun hemm preżenti l-membri l-oħra u jittieħed vot.

Is-Sindku Stefan Cordina, ssuġerixxa l-fatt li għandu ikun hemm tip ta' capping ta' spisa sabiex dan is-servizz ikun ġust mal-Kunsilli kollha.

Ġie ssuġġerit li dan il-proċess jista jiġi adattat ukoll għas-servizz ta’ Avukat.

Wara li il-President laqa’ is-suġġerimenti u l-kummenti tal-membri, informa li se jgħamel laqgħa nhar it-Tnejn 29 ta’ Lulju flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi, sabiex jiddiskutu l-materjal tekniku u tinġabar l-informazjoni meħtiega.

Il-President innota ukoll li ser issir l-istess proċedura għas-servizz ta’ Accountant.

**2.7 - Għodda li hija propjeta tar-Regjun**
Il-President informa li wara ir-reżenja tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti f’April li għadda saret recollection ta’ l-affarijiet li huma propjeta tar-Regjun fosthom l-għodda li bħalissa qedgħa tinżamm l-Mellieħa Scouts Group. Wara li saret spezzjoni u ttieħdu r-ritratti tal-għodda, se jibda l-proċess biex din l-għodda tiġi rritornata lir-Reġjun.

**2.8 - Interim Audit**
Il-President għarraf lill-membri li dan is-suġett ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**2.9 - Arts Council Malta – Nisġa ta’ Lwien / Texture of Colours**
Il-President introduċa l-proposta kulturali tar-Reġjun Tramuntana ‘Nisġa ta’ Lwien / Texture of Colours’. Dan huwa proġett kreattiv ibbażat fuq il-komunità, maħluq biex jippromwovi l-iżvilupp kulturali u l-benesseri ġenerali tal-komunità permezz tal-arti fir-Reġjun Tramuntana. L-għan tagħha huwa li tittejjeb il-pajsaġġ kulturali tar-Reġjun Tramuntana permezz ta’ serje ta’ attivitajiet kulturali inklużivi u sostenibbli bl-appoġġ u l-kollaborazzjonijiet ta’ diversi artisti u mexxejja ta’ workshops li se jiġu impenjati fil-proġett, biex jiġi żgurat standard għoli.
Wara li saret l-applikazjoni mis-Sur Bjorn Bonello b’kollaborazzjoni ma’ Anna Formosa, Creative Director Arts Council Malta, bi pjaċir ġie ikkomunikat li r-Reġjun ġie fit-tieni post minn sitt applikazjonijiet u ġie mgħoti s-somma ta €13,520.00.

**2.10 - MSSA – Sport Street Festival**
Il-President kkomunika li saret talba mis-Sinjur Karl Naja għal għajnuna finanzjarja rigward Sport Street Festival. Wara riċerka li saret, kif ukoll wara li rċivejna nformazjoni ulterjuri mis-Sur Naja irriżulta li fil-passat intnefqu ħafna flus u barra minn hekk il-proċeduri ta’ procurement ma’ ġewx segwiti kif titlob il-liġi. Fid-dawl ta’ dan it-talba tas Sur Naja qedgħa tiġi kkunsidrata aktar fid-dettal, qabel ma titella r-Reġjun għal deċiżjoni.

**2.11 - Colours of the North  - It-Tieni ktieb**
Il-President informa li s-Sur Natalino Fenech, l-awtur tal-Ktieb Colours of the North qed jitlob informazzjoni ta’ nies b’snajja, talenti partikolari u suġġetti oħra, f’kull lokalita li jkun jista jintervista, sabiex jinkiteb artiklu fuqhom fit-tieni ktieb li ser jiġi ppublikat. Il-Kunsillier Norbert Dalli wera interess f’din l-inizjattiva.

**2.12 - International Christmas Choir Festival**

Il-President informa li s-Sur Noel Castillo ressaq talba lir-Reġjun rigward għajnuna għal International Choir Festival. Din it-talba saret qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli u l-President informaħ li minħabba l-ispejjes konsiderevoli involuti kien ikun xieraq li tiġi kkomunikata mal-membri l-ġodda. Is-Sindku Paul Vella qal li fil-passat il-parteċipanti Maltin kellhom iċ-ċans jieħdu sehem iżda ma kinitx qed tintlaħaq l-iskop ta’ l-attivita. Dr. Angelo Micallef esprima l-fatt li minħabba li diġa kien hemm kwistjoni ta’ fondi mgħotija għal din l-attivita, m’għandux jerġa jingħata l-approvazzjoni. Il-fondi jistgħu jiġu allokati xorta waħda għal-attivitajiet fil-lokalitajiet tar-Reġjun. Kien hemm qbil unanimu li ma jiġux allokati fondi għal din lattivita.

Is-Sindku Christopher Deguara ingħaqad mal-kumplament tal-membri fis-sitta u kwart ta’ filgħaxija.

**2.13 - Allokazjoni mil-aġenzija LESA għal infurzar waqt festi jew attivitajiet**

Il-President Clifford Galea nforma mil-ġdid lill membri ġodda li hemm għajnuna finanzjarja għar-Reġjuni, Kunsilli Lokali, NGOs u għaqdiet volontarji oħrajn. It-tali għajnuna ser tingħata f’forma ta’ servizzi tal-Aġenzija LESA, tal-Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili.
Dawn is-servizzi jistgħu jintużaw waqt attivitajiet imtella’ mill-Kunsilli Lokali jew attivitajiet imtella’ minn għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet.
Il-Kunsill Lokali għandu jagħmel l-arranġamenti kollha mal-LESA, Pulizija jew CPD, l-invoice tas-servizz approvata mill-Kunsill Lokali għandha tiġi mħallsa mill-Kunsill u ssir claim lir-Reġjun sabiex jirrifondi lill-Kunsill dik l-ispiża.
Is-Sindku Christopher Deguara staqsa jekk hemmx limitu rigward dawn il-fondi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informat li hemm allokazjoni globali ta’ €100,000.00 mgħoti lir-Reġjun f’isem id-disgħa lokalitajiet. Ir-Reġjun qed jamministra u jżomm rendikont u b’hekk ikun hemm stampa ċara tal-bilanċ ta’ fondi li jistgħu jiġu mgħotija.

**2.14 - Sejħa għal Cultural Manager**

Il-President informa li wara li saru l-interviews għal ingaġġ ta’ Cultural Manager minn bord maħtur, saret komunika ma l-applikanti separatament, li ma ġewx magħżula għal din il-pożizzjoni. Minkejja li r-Reġjun ħa l-miżuri koretti f’din il-materja, ż-żewġ applikanti ma’ qablux mad-deċiżjoni li ttieħdet. Il-President ssuġerixxa li jintalab parir profesjonali u għalekk is-sindku Angelo Micallef propona li jinħatar ‘employment lawyer’ sabiex ikun jista jgħati l-aħjar parir possibli għaliex hemm ċans li teskala f’kaz ta’ qorti.

**2.15 - Theatre 4 All**

Il-President informa li saret laqgħa mas-Sinjur Ryan Galea fejn iddeskriva numru ta’ attivitjiet taħt it-titlu Theatre4All. Iżjed il-quddiem ser tintbgħat imejl bl-informazzjoni, sabiex tkun tista tiġi diskussa aħjar fil-laqgħa li jmiss.

**2.16 - Ħatra ta’ Viċi President**

Il-President irringrazzja lis-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami, li kienet tokkupa l-kariga ta’ Viċi President u li kienet ta' appoġġ lill-President waqt it-terminu tagħha. Bi pjaċir, għarraf li se jaħtar lil Dr. Angelo Micallef bħala Viċi President sa l-2029. Is-Sindku Christopher Deguara issekonda u kien hemm qbil unanimu.

**3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilleri;**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-kunsilliera.

**4. Korrispondenza;**

**4.1 Intervisti tas-Segretarju Eżekuttiv fir-Reġjun Tramuntana;**

Il-President talab li jitwaqqaf ir-recording tal-laqgħa sabiex il-membri ikunu jistgħu jiddiskutu l-ingaġġ ta’ Segretarju Eżekuttiv. Il-President kompla billi għamel referenza għal post vakanti tas - Segretarju Eżekuttiv, fejn informa li saru l-interviews meħtieġa minn bord imwaqqaf mis-Sur Mario Fava (President, AKL), mis-Sna Lianne Cassar (Segretarju Eżekuttiv, AKL) u mis-Sur John Mallia (Direttur, Mediacoop Ltd). Mir-rapport li nħareġ ġie rrakomandat li jintghazel is-Sur Bjorn Bonello sabiex ikun is-Segretarju Eżekuttiv ta’ Reġjun Tramuntana. Kien hemm diskussjoni interna u kien hemm qbil unanimu sabiex jinħatar is-Sur Bjorn Bonello għal pożizzjoni ta’ Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li s-Sna Kristina Camilleri ser tibqa tokkupa l-pożizzjoni ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-President informa li ser jikomunika d-deċiżjoni mas-Sur Ian Magro (AKL) li serva bħala is-segretarju tal-board maħtur, kif ukoll ser jieħu ħsieb li jsiru l-arranġamenti neċessarji biex jinqalbu id-dokumenti meħtieġa biex il-ħidma tar-reġjun tkompli mingħajr interruzjoni.

**5. Rapporti;**

**5.1 Minuti ta’ AGM 2023**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-minuti tal-laqgħa ġenerali annwali tlestew u ser jiġu ċċirkolati lill-membri għall-approvazzjoni.

**5.2 Risposta għar-Rapport tal-Awditjar għas-Sena Finanzjarja 2023**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, għarfet lill-membri li r-rapport tal-Awditjar għas-sena 2023 ġie rivedut bir-reqqa flimkien mal-accountant. Wara linja gwida li ngħatat mill-accountant, tfaslet risposta u saru t-talbiet formali lill-entitajiet varji sabiex jiġu ndirizzati l-kwistjonijiet li ġew nnotati. Madankollu, ir-risposta ġiet ppreżentata għal l-attenzjoni tal-membri, qabel ma’ tintbgħat.

**5.3 Aġġornament tar-rapport għat-tieni kwart tas-sena ( Q2 )**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li, kif diġa ġie spjegat, l-accountant tinsab indisposta, u għalhekk dan l-item ser jiġi ttrattat fil-laqgħa li jmiss.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**5.4 Aġġornament ta’ Waste Contract**
Il-President beda’ billi informa lill-membri li ser issir laqgħa bejn ir-Reġjuni kollha, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u d-Divizjoni Gvern Lokali, rigward il-multi konsiderevoli li rċieva kull Reġjun minn għand l-Wasteserv.
Wara introduzzjoni mil-President fejn esprima l-fatt li r-Reġjun huwa konxju tal-problemi kollha li qedin jaffaċjaw l-Kunsilli Lokali rigward il-problema tal-ġbir ta’ skart saret diskussjoni nterna. Ġie diskuss flimkien mal-membri u S-Sur Bonello fl-assenza tal-Waste Manager, li fil-bidu li beda’ jopera l-kuntrattur, kellu isir workplan iżda bħal rikweżiti oħra dan għadu ma sarx.

Ittieħdet deċizjoni li ġa ladarba hemm diversi nuqqasijiet li dawn ġew repetutament ikkomunikati mal-kuntrattur u ma ġewx indirizzati, se jiskattaw il-provedimenti preskritti skond il-kuntratt ta’ ġbir ta’ skart maqbul bejn il-firmatarji u allura ser tintbgħat ittra fejn il-kuntrattur jiġi mgħarraf li l-penali ħa jinħargu. Ser jintalab ukoll parir legali biex jiġu mgħarfa riperkusjonijiet li jista jkun hemm. Saret emfasi ukoll fuq il-bżonn li jkun hemm iżjed edukazzjoni lir-residenti.

Is-Sindku Gabriel Micallef ħalla l-laqgħa fis-sebgħa u kwart ta’ filgħaxija.

**5.5 Aġġornament ta’ Environment u EU Funds**
Is-Sur Bjorn Bonello nforma lill-membri preżenti li r-Reġjun għandu Animal Welfare Scheme, fejn il-fondi mgħotija lill-Kunsilli Lokali fost servizzi oħra jintuzaw sabiex isiru cat neutering. Wara l-proċess meħtieġ ġew allokati żewg kliniċi veterinarji, wieħed in-Naxxar u l-ieħor Ħ’Attard.
Apparti l-cat neutering, ir-Reġjun qiegħed jofri ukoll servizz ta’ tneħħija ta’ bejtiet ta’ hornets, kif ukoll attivita li saret b’kolaboarzjoni ma’ skola primarja lokali fejn it-tfal bnew djar żgħar biex iservu bħala post fejn ibejtu l-għasafar.

Is-Sur Bonello tkellem rigward wieħed mill-proġetti ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea fejn ser issir ġimgħa ta’ attivita fl-aħħar ta’ Settembru 2024 u sabiex il-Kunsill jħeġġu u jinvolvu għaqdiet sportivi fil-lokalita tagħom, fosthom scouts group kif ukoll nies anzjani u nies inattivi fil-lokalita.

Is-Sur Bonello talab lill-membri sabiex jibatu siti potenzjali fejn jistgħu jiġu ikkunsidrati li jsiru CCTV cameras fosthom għal sorveljanza, mmaniġġjar ta’ traffiku eċċ.

**6. Affarijiet oħra ta’ xogħol ieħor tal- Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa’;**

**6.1 European Week of Regions and Cities Brussles 2024**
Il-President informa lill-membri li l-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet se ssir bejn is-7 u l-10 ta’ Ottubru 2024. Huwa esprima wkoll ix-xewqa tiegħu li l-membri kollha jattendu, billi dawn

huma sessjonijiet informattivi u importanti ħafna. Għaldaqstant, ikun apprezzat li l-parteċipanti jieħdu sehem b’sens ta’ responsabbiltà u interess biex jużaw l-informazzjoni bl-aħjar mod possibbli għall-benefiċċju tar-Reġjun tagħna. Peress li l-avveniment se jsir fi ftit xhur, kull min hu interessat li jissieħeb, huwa mitlub jinforma lir-Reġjun mill-aktar fiss possibbli sabiex nieħdu l-aħjar offerti fir-rigward ta’ xiri ta’ biljetti tal-ajru u akkomodazzjoni.

**6.2 Purchase Orders**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżentat il-purchase orders li tħarġu.

**7. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazjoni, l-iskeda ta’ pagamenti Numru 177 għall-perjodu ta’ bejn it-22 ta’ Ġunju 2024 w it-23 ta’ Lulju 2024.
L-Iskeda mmsemmija ġiet approvata mill-proponent Sindku Stefan Cordina u issekondata mis-Sindku Paul Vella .
Il-membri qablu unanimament.

**8. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta’ filgħaxija. Il-membri unanimament qablu li s-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 21 ta’ Awwissu 2024.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| --- | --- |
| ______________________________ | ______________________________ |
| Clifford Galea Vella<br>President | Kristina Camilleri<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum nhar l-Erbgħa 21 ta’ Awwissu 2024.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt